Minuti tal-6 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Gimgha 26 ta' Lulju, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 4.55pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |
| **Ufficjali:** | |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |
| **Skuzati** | Lisa Marie Brooke |

Il-Kunsill mar ghal punt 3 ta' l-Agenda – Laqgha ma' Gharb Rangers F.C. peress li Mario Saliba ghan-nom tal-Gharb Rangers kien diga prezenti.

## 1.0 Laqgha ma' Gharb Rangers F.C.

Is-Sindku spjega li fil-prezent il-ground tal-football qieghed jigi imnaddaf u l-Krejn li kienet tinsab fil-post tnehhiet. Huwa kompla jghid li gie ikkuntatjat mill-Perit Mario Bonello fir-rigward ta' xogholijiet li jridu jsiru gewwa l-ground li fosthom hemm ippjanat ukoll li ssir trakka ta' l-atlettika. Min-naha tieghu l-Perit Bonello ser ikun qieghed jigbor kwotazzjonijiet ghal trakka u offra s-servizzi professjonali tieghu minghajr hlas ghal dan il-progett. Is-Sindku zied li ghal dawn ix-xogholijiet tkun trid tinhareg offerta' pero' qabel ser nistennew li jkollna l-parir professjonali sabiex ikun jinkludi kollox u l-*ispecifications* ta' l-offerta' jkunu kif suppost.

Mario Saliba qal li spjega li ser isiru tlett grounds bis-synthetitc turf li wiehed minnhom huwa ta' l-Gharb.

Louis Apap gibed l-attenzjoni li huwa importanti li l-ground ikun standards u qisien tajbin b'tali mod li jkun jista' jigi utilizzat ghall-kompetizzjonijiet bhal fil-kaz ta' grounds ohra fosthom il-ground ta' Sannat.

Is-Sindku issuggerixxa li ghandu ikun ikkuntatjat l-Onor. Stephan Buontempo li huwa responsabbli mill-fondi relatati mall-grounds tal-football biex issir laqgha mieghu fuq il-post flimkien ukoll ma' l-Gharb Rangers F.C. u jigi lilu spjegat il-progett propost ghal din iz-

zona. Barra minnhekk is-Sindku kompla jghid li il-Ministeru ghal Ghawdex ghandu jigi ikkuntatjat ukoll sabiex naraw il-possibilita' li meta tkun qed isir ir-resurfacing ta' Triq Tumas Cassar min-naha ta' l-istess Ministeru tinfetah u ssir ir-resurfacing ta' triq gdida li hemm pjanata biex jinfatah access ghal gol-ground.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghandu kemm ircieva *PC Application* minghand il-MEPA li qed issir min-naha tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex tinbidel il-linja tat-triq minn hdejn residenza "Zgugina" f'Triq il-Vizitazzjoni ghal Triq Dun Alwig Mizzi. F'dan ir-rigward is-Sindku ippropona li din it-triq ghandha tinfetah kompletament minn Triq il-Vizitazzjoni sa Triq Dun Alwig Mizzi meta tkun qed issir Triq Tumas Cassar mill-gdid.

Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni ukoll dwar il-problemi li ghandhom ir-residenti tal-parti l-gdida ta' Triq Tumas Cassar biex jghaddu ghar-residenzi taghhom. Is-Sindku spjega li jekk tkun milqugha l-proposta tieghu il-problema tissolva.

Mario Saliba qal li il-kumitat lest jorganizza flimkien mall-Kunsill attivitajiet sportivi sabiex jikber l-ispirtu sportiv fil-lokalita'.

Is-Sindku issuggerixxa lil Gharb Rangers F.C. sabiex jippjanaw l-attivitajiet annwali taghhom sabiex wara l-Kunsill jidentifika' l-mod ta' liema u kif minn dawn l-attivitajiet jistghu jsiru b'kollaborazzjoni mall-Kunsill u bil-ghajnuna tal-isponsor.

Mario Saliba staqsa x'possibilita' li parti ohra mill-kumpless tac-Changing Rooms li jinsab fejn il-ground tal-football, il-Club jaghmel uzu minha.

Emanuel Muscat staqsa x' permessi tal-MEPA hemm.

Il-laqgha ma' l-Gharb Rangers F.C. intemmet fil-5.30pm.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-5 laqgha.**

2.1 Il-Minuti tal-5 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett. Emanuel Muscat qal illi ma rax il-Minuti. Is-Sindku talbu biex jekk ikun hemm xi haga jigbed l-attenzjoni waqt il-laqgha li jmiss.

**3.0 Kwotazzjoni OBIMED 01/03**

3.1 Kwotazzjoni OBI01/03 – Hawnhekk giet sottomessa offerta wahda minn The Sign Studio ghall-Billboards u Stampar ta' kotba u kif gie diskuss fil-hames laqgha tal-Kunsill il-process kellu jibqa' sejjer

ghall-irhas offerta' sottomessa. Il-prezz ta' l-offerta' sottomessa kien ta' *€6000.*

Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-kotba li gew stampati min-naha tal-partners tal-progett ta' Sciacca u ta' spjegazzjoni ta' x'gie inkluz fil-progett.

Emanuel Muscat talab li jigi infurmat dwar id-dati li fihom gew ippublikati l-avviz ta' din il-kwotazzjoni.

## 4.0 Jum l-Gharb 2013

4.1 Is-Sindku spjega li t-tfal tas-Summer Camp qed jippreparaw drama ghal waqt is-serata ta' Jum l-Gharb. Barra minnhekk is-Sindku informa lill-Kunsill li grupp mix-Xaghra ta' Jennifer Attard ikkuntatjaw lill-Kunsill biex jippartecipaw. Il-Kunsil qabel li dawn ghandhom jigu ikkuntatjati biex jiehdu sehem.

4.2 Fir-rigward ta' The Gharb Gozitan Cultural Award is-Sindku ippropona li jigi ikkuntatjat Mons Joe Vella Gauci bhala *chairman* tal-Kumitat tal-Festi fi hdan il-Kultura sabiex jaghtu s-suggeriment taghhom fuq liema suggett tista' tkun ibbazata n-nomina ta' dan il-Premju. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

4.3 Louis Apap issuggerixxa li b'referenza ghall-proposta tieghu fejn ir-residenti gew mistiedna sabiex in-nominazzjonijiet ghandhom ikunu mitfuha lir-residenti fejn jistghu jissottomettu l-proposti taghhom, liema avviz deher fuq il-pubblikazzjoni tal-Pjazza, ir-residenti ghandhom jigu infurmati ukoll permezz ta' avviz fuq il-Bullettin. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 5.0 Car Free Day 2013

5.1 B'referenza ghall-Memo 18/2013, saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li jistghu jigu sottomessi ghall-partecipazzjoni waqt il-Car Free Day li ser issir bejn is-16 – 22 ta' Settembru, 2013. Is-Sindku issuggerixxa li ghandhom jigu ikkuntatjati l-Gharb Rangers F.C. fejn jinghataw informazzjoni dwar dak propost mill-Kunsill f'dan ir-rigward u jigu mitluba humiex interessati li ssir attivita' b'kollaborazzjoni mall-Kunsill. Jekk jintrebah il-premju dan ikun jista' jghaddi lill-Gharb Rangers F.C. ghas-sehem taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.0 Offerti

6.1 Offerta' tal-*Handyman* tal-Kunsill li qeghda tinhadem minn Emanuel Saliba. Saret diskussjoni f'dan ir-rigward fejn il-Kunsill huwa ferm sodisfatt ghall-efficjenza u x-xoghol siewi li jsir minn

dan il-kuntrattur li barra minnhekk ikun dejjem disponibbli f'kull hin sabiex jaghmel ix-xoghol li jkun hemm bzonn. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt ghandu jigi imgedded.

6.2 Offerta Kiri ta' Self-drive Cars – Din l-offerta ghalqet fl-ahhar ta' Gunju u ghalhekk il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinhareg offerta' gdida.

**7.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

7.1 Progett M323 – Is-Sindku spjega li wara il-laqgha bilaterali li saret gie deciz li dan il-progett ser jigi estiz sa Novembru. Huwa kompla jispjega li bhala xogholijiet pendenti ghad baqa' xoghol fuq ir-Restwar tas-Shelter fosthom il-pavimentar tieghu. Fir-rigward tar-restawr tal-Knisja l-ewwel fazi kienet lesta u gie spjegat x'xoghol iehor baqa' jsir. Is-Sindku kompla jispjega li minn dan il-kuntratt ha jibqa' xi *savings* u issuggerixxa sabiex dawn jintuzaw ghar-Restawr tal-Kampnar. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku spjega li sabiex jkun jista' jsir dan trid tinhareg l-offerta' immedjatament peress li m'ghandx baqa' wisq zmien u huwa issuggerixxa li ghandha tintbghat korrispondenza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, Dipartiment tal-Kuntratti kif ukoll MRRA bhala Managing Authority fejn issir talba biex iz-zmien li fih idum fis-suq ikun inqas minn xahar minhabba li m'ghandx baqa' hafna zmien biex jaghlaq il-progett. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghad baqa' xi kontijiet tal-Kunsill x'jinhargu mill-Perit.

Emanuel Muscat staqsa kemm hemm *savings*. Is-Sindku spjega li ghad qed nistennew xi *feedback* minghand il-kuntratturi ghalhekk ghad ma nafux preciz kemm *savings* baqa'.

Emanuel Muscat staqsa jekk hux diga saret komunikazzjoni ma' l-Arcipriet fir-rigward tat-tarag. Is-Sindku spjega li ghad qed naraw xi affarijiet qabel nimxu ghal dan l-istadju.

Fir-rigward tar-Restwar tal-Hitan tas-Sejjieh, is-Sindku spjega li ghaddej l-ahhar xogholijiet.

Il-Progetti l-ohra taht il-Mizura M323 huma kollha kompluti u maghluqa.

7.2 Resurfacing ta' Triq Sdieri – Is-Sindku spjega li din it-triq qeghda issir mill-Gvern Centrali. Gie innotat li hemm saret xi hsara waqt l-andament tax-xoghol fejn intlaqtet rampa kif ukoll hajt li kienu saru permezz ta' fondi Ewropej.

Emanuel Muscat staqsa jekk kienx sar rapport lill-Pulizija f'dan ir-rigward pero' is-Sindku spjega li gie infurmat il-Ministeru ghal

Ghawdex peress li dawn huma affarijiet li jigu diskussi bejn il-Ministeru u l-Kunsill u mhux il-kaz li tidhol il-pulizija.

7.3 Progett M313 – LeisurePark. – Is-Sindku spjega li l-bazi tal-leisure park saret u issa ghad baqa' xi funds mill-kuntratt. Barra minnhekk saret ukoll il-kurduna sabiex tilqa' il-blalen. Ghandha ukoll issir xibka li tehel mas-saqaf sabiex din ukoll tintuza biex tilqa' l-blalen.. Is-Sindku infurma lill-Kunsill li twahhlu ukoll il-sitt bankijiet li kien ghad baqa' jehlu.

Is-Sindku spjega ukoll li infetah ic-cint bejn il-ground u c-changing rooms sabiex *ikunu jistghu jsiru xogholijiet* ta' manutenzjoni u tinhareg il-krejn. Huwa ippropona li issir gate temporanja sabiex jigi limitat l-access ghal gol-ground. Fil-prezent fil-fatt kif gie spjegat ukoll aktar 'il fuq il-ground qieghed jigi imnaddaf.

Fir-rigward tat-trakka kif gie spjegat ukoll waqt il-laqgha li saret aktar kmieni ma' l-Gharb Rangers F.C., il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta' ghat-trakka atlettika f'dan ir-rigward.

Emanuel Muscat staqsa dwar it-toroq non urbani. Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li naqsu xi haddiema li marru ma' Kunsilli ohra hawn nuqqas ta' man power u huwa ghalhekk li l-Kunsill qieghed jiltaqa' ma' problemi sabiex isiru x-xogholijiet. F'dan ir-rigward saret talba lll-IPSL biex jintbghatu xi haddiema.

Dwar it-torq non urbani s-Sindku spjega li ix-xoghol qed issir mill-haddiema tal-kunsill li ghad fada. Is-Sindku spjega li fil-gimgha tal-festa is-Sur Phiilip Vella mill-Ministeru ghal Ghawdex kien ha li haddiema li kienu qed jaghmlu xoghol fuq il-bankini pero' konna imweghda li wara l-festa ta' Sannat ser jibghat il-haddiema sabiex ikunu jistghu ikomplu jahdmu fuq il-bankini ta' Triq Trux. Jekk il-haddiema jinghataw ikun jista' jinbena' l-hajt ta' Trejqet is-Sisien.

Emanuel Muscat qal li hemm problema fin-non urban roads li huma disastru. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li bi *staff* limitat ma tkunx tista' taghmel ix-xogholijiet kollha mixtieqa imma jsir dak kollu possibli.

## 8.0 Skeda ta' Pagamenti

Il-Kunsill approva l-Iskeda tal-Pagamenti annessa liema skeda giet iffirmat mill-membri kollha prezenti apparti minn Emanuel Muscat li qal li ma rax l-iskeda. B'zieda ma' din l-iskeda gew approvati ukoll il-hlas tal-Kwotazzjoni tal-Progett OBIMED bl-ammont ta' €6000 u ta' Raymond Rotin li ghamel xoghol ma' tindif waqt il-festa ghall-ammont ta' €1000.

B'referenza ghall-iskeda Emanuel Muscat staqsa jekk setghux isiru zewg direct orders fuq l-offerta tan-Nourish Our Town li wahda kienet tirrefletti x-xoghol relatat mall-hurg ta' l-offerta u l-ohra ma' l-evalwazzjoni ta' l-offerta. Is-Sindku spjega li dan seta' jsir peress li ma kienetx l-istess persuna.

Emanuel Muscat staqsa ukoll dwar il-kont ta' Salvu Cilia bhala tindif generali wara l-festa fejn is-Sindku spjega li wara li waslulu xi ilmenti dan gie ordnat jaghti tindifa generali peress li wara li tnehha l-armar tal-festa kien baqa' hafna hmieg.

**9.0 Korrispondenza u materi ohra**

9.1 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera li ghandu ikun hemm rispett lejn il-Kunsill b'mod partikolari lejn il-kariga tas-Sindku. M'ghandu bl-ebda mod isiru xogholijiet gewwa l-lokalita' minghajr ma jigi mgharraf il-Kunsill. Dan qieghed jinghad minhabba xi episodji li diga graw ricentament.

9.2 Carmen Vella gibded l-attenzjoni li hemm bzonn li tehel tabella *Dead End* fl-isqaqien ta' Sqaq il-Fgura minhabba li t-turisti ma jkunux jafu u fil-fatt ftit jiem ilu gara incident tat-traffiku.

9.3 Carmen Vella staqsiet dwar is-servizz ta' l-Arriva li dwaru gie diskuss fil-laqgha precedenti. Is-Sindku spjega li appuntament ghandu ma intghax. Is-Sindku issugerixxa li ghandu jigi diskuss ma' l-Arriva l-possibilita' li fir-rottot il-godda li ser jidhlu fis-sehh minn Ottubru li gej jigi inkluz servizz li jghaddi direttament mill-Gharb fejn fil-prezent dan ma jezistix.

9.4 Kwotazzjonijiet minghand Nicholas Zammit u Kip Ghawdex Ltd fir-rigward ta' tindif waqt il-festa tar-rahal. Is-Sindku spjega li dawn l-offerti kienu gholjin u huwa ghalhekk li gie offrut €1000 lil haddiema Raymond Rotin u Raymond Farrugia sabiex jahdmu dan is-servizz.

9.5 Giet trattata s-segwenti korrispondenza mill-MEPA:-

PC 00026/13 – Applikazzjoni mid-Dipartiment ta' l-Artijiet fir-rigward ta' ftuh tat-triq bejn il-parti 'l gdida ta' Triq Tumas Cassar u 'l parti ezistenti. Is-Sindku issugerixxa li ghandha tintalab iktar informazzjoni f'dan ir-rigward lill-MEPA sabiex l-Kunsill jara s-sitwazzzjoni u f'kaz ta' bzonn jissottometti l-oggezjoni jekk ma tinfetax it-triq komplatament b'mod partikolari peress li r-residenti ghandhom problemi biex jaslu ghar-residenzi taghhom.

Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA2059/13, PA2065/13 – Dwar din l-applikazzjoni l-Kunsill iddecieda li

Spiteri D.

ghandha tintalab aktar informazzjoni lill-MEPA dwar dak propost u PA1823/13.

Stedina mill-MEPA lill-Kunsill ghall-partecipazzjoni tal-process ta' revizjoni fil-Pjan Lokali.

Clearance ghad-DNO ta' Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Knisja .

Stedina ghal-laqgha pubblika biex jigu identifikati kwalunkwe nuqqasijiet li jeziztu fil-pjan lokali ghal Kemmuna u ghal Ghawdex.

9.6 Minghand it-Transport Malta fejn giet approvata road hump wahda fi Triq Felic Grech. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata aktar dettalji sabiex jigi infurmat dwar liema road hump giet approvata.

9.7 Minghand ANSEK fejn il-Kunsill intalab jekk jixtieqx jissieheb ma' din l-assocjazzjoni. Il-Kunsill qabel li fil-prezent mhux ser jisseheb pero' ser tinzam sabiex terga' tigi diskussa aktar 'il quddiem.

9.8 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' Acknowledgemnts li ircevieva l-Annual Budget u r-Rapport Annwali Amministrattiv.

9.9 Minghand l-Universita' ta' Ghawdex fir-rigward ta' korsijiet li qeghdin joffru. Ghandna tigi iccekjata d-data ta' meta hija l-Closing Date.

9.10 Minghand il-Fondazzjoni Belt Victoria fir-rigward tal-Muzew il-Hagar fejn il-Kunsill qieghed jigi mistieden sabiex meta jkun qed jorganizza hargiet kulturali isiru zjarat lil dan il-muzew.

9.11 Minghand il-PPCD fejn il-Kunsill gie infurmat li l-applikazzjoni sabiex jinbeda t-tieni sular ma gietx accettata pero' qieghed jibqa' fuq ir-riserva biex jekk jibqa' fondi bizzejjed jista' jigi accettata. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi sar appell.

9.12 Gew trattata kwotazzjonijiet fir-rigward tal-garbage bags li juzaw l-haddiema. Minn tlett kwotazzjonijiet mibgura l-inqas wahda kienet dik ta' Longbow Ltd. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinghazel l-kwotazzjoni ta' Longbow Ltd biex jinxtraw il-boroz nececessarji.

9.13 Minghand il-Bank of Valletta fir-rigward tat-tigdid tal-kuntratt tal-loan. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ser jitlob lill-Bank sabiex jara jistghux jinghataw rati iktar vantaggjuzi.

9.14 Minghand Anglu Farrugia – Speaker tal-Kamra bl-ewwel harga tal-perjodiku "mill-Parlament". Hawnhekk inghata kopja ta' din il-harga lill-Kunsilliera prezenti.

9.15 Is-Sindku spjega li issa li l-Ghassa tal-Pulizija m'ghandiex topera mill-Pjazza, l-post ghadda ghand sid il-kera u dan informa lis-Sindku li ser jaqla' n-notice board tal-Kunsill minn dan il-post. Huwa ghalhekk li irid jigi identifikat post iehor fejn ghandha titwahhal din in-noticeboard. Is-Sindku zied jghid ukoll li s-sid talab ukoll li t-telephone box titharek mill-post li qeghda fil-prezent u tersaq ftit iktar 'l isfel lejn il-Pjazza.

Emanuel Muscat qal li l-ahjar li tehel mall-hajt sabiex ma jkunx hemm lok li jintefa' hmieg bejn il-hajt u t-telephone box.
F'dan ir-rigward is-Sindku qal li ser issir talba lis-Sur Raymond Sammut rapprezentant tal-kumpanija GO plc biex jara tistax titharrek.

9.16 Emanuel Muscat staqsa dwar is-sitwazzjoni ta' toqob fi Triq Birbuba li qeghdin jikbru kuljum. Is-Sindku spjega li qed naraw l-ahjar soluzzjoni li ttiehed sabiex dawn ikunu jistghu jitrangaw. Jista' jkun il-kaz ukoll li tintalab ghajnuna sabiex il-Kunsill jipprovdi l-materjal u jinghataw haddiema mill-Gvern Centrali biex isir ix-xoghol.

9.17 Emanuel Muscat staqsa dwar zewg toqob li hemm fi Triq Karmni Grima wahda quddiem 'Unity' u l-ohra quddiem tal-familja Sultana. Is-Sindku spjega li huwa diga tkellem mall-Water Services Corporation f'dan ir-rigward fejn hu gibed l-attenzjoni li ghandha tinqata' t-triq permezz tas-siga u jsir resurfacing skond ir-regolamenti.

8.18 Is-Sindku spjega dwar is-sitwazzjoni finanzjara tal-Kunsill fejn huwa qal li hemm problema dwar il-flus li l-Water Services u l-Ministeru ghal Ghawdex kellhom dovuti lejn il-Kunsill peress li l-korporazzjoni qeghda tiddikjara li hi min-naha taghha diga tat il-flus dovuti lill-Kunsill. Wahda mis-soluzzjonijiet li trid ttiehed biex il-finanzi tal-Kunsill jibqghu f'process tajjeb huwa li timxi sena 'l quddiem l-iskema tal-PPP tat-toroq.
Is-Sindku kompla jispjega li huwa talab lill-Accountant Joanna Caruana sabiex iddur il-finanzi tal-Kunsill u tindika l-istadju li fih jinsab kull item tal-budget biex b'hekk ikun hawn stampa iktar cara tal-finanzi tal-Kunsill.
Min-naha l-ohra s-Sindku qal li l-Ministru ghal Ghawdex iddikjara li l-Ministeru ser ikun qed jghin fit-toroq kif fil-fatt qieghed jigri fi Triq ta' Sdieri. F'dan ir-rigward is-Sindku ser jitlob laqgha mall-Ministru biex jigi diskuss fid-dettal il-hsieb li ghandu l-Ministeru.

Stroulli O.

L-unika soluzzjoni fin-nuqqas ta' ghajnuna hija li r-repayments tal-Progett tal-PPP ikunu iridu isiru f'aktar snin minn dawk ippjanati pero' din hija haga li trid tigi diskussa 'l quddiem.

9.18 Emanuel Muscat staqsa dwar l-applikazzjoni ta' Wied ir-Rapp fejn gie infurmat li l-Kunsill issottometta l-applikazzjoni u qed jistenna r-risposta.

9.19 Emanuel Muscat staqsa dwar ir-rampa tac-callas. Hawnhekk is-Sindku spjega li mhux ir-rampa tal-ghalqa tac-Callas biss trid issir izda iridu ikun identifikati ir-rampi kollha u issiru kollha f' daqqa.

9.20 Emanuel Muscat semma il-lampa ta' Triq Frenc ta' l-Gharb imwahhla faccata tal-post numru 12, liema lampa hemm bzonn li tinbidel il-bracket taghha peress li hija twila hafna u qeghda tkun ta' inkonvenjent fl-armar tal-festa kif ukoll tista' facilment tigi milquta' minn xi trakkijiet kbar.

9.21 Louis Apap semma bozza li mhux qed tixghel fi Triq Gdida fi Triq il-Vizitazzjoni bejn id-dar bl-isem 'Annerance' u 'Gratia Plena'. Huwa gie infurmat li din il-bozza fil-fatt diga giet irrapurtata. Hawnhekk Emanuel Muscat talab sabiex jigi infurmat liema bozza hi biex jiccekja fuqha.

9.22 Carmen Vella gibdet l-attenzjoni dwar fence li hemm fi Triq l-Gharb fejn qeghda tinbena propjeta' gdida. Dan il-fence qiegħed fejn id-dar "Memories' u hemm bzonn li tingibed l-attenzjoni tas-sid biex dan jitranga u ma jkunx ta' periklu.

9.23 Emanuel Muscat semma dwar iz-zebgha li saret fi Sqaq Nru. 2 fi Triq Frangisk Portelli fejn saru *double yellow lines*. Saret diskussjoni fejn gie innotat li qed ikun hemm problema ghas-sidien biex ibattlu l-karozza taghhom. Is-Sindku innota li ghanda tinkiteb ittra lill-Awtorita tat-Trasport sabiex tkun solvuta din il-problema li inholqot.

9.24 Emanuel Muscat staqsa dwar il-problema ta' l-iskart li kien hemm aktar kmieni dalghodu fejn it-toroq ta' l-Gharb kienu kollha skart. Is-Sindku spjega li kif kien maqbul f' laqgha precedenti inhareg avviz sabiex ir-residenti jkunu infurmati bl-iskeda 'l gdida ta' l-iskart pero' gara li l-gimgha ta' qabel li kienet l-ewwel gimgha minkejja li l-gimgha kien jingbar biss l-iskart ghar-recikagg, il-kuntrattur gabar xorta wahda l-borza s-sewda ghalhekk din il-gimgha r-residenti hargu l-iskart xorta wahda. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jerga' jinhareg avviz fuq il-bullettin tal-gimgha d-diehla u barra minnhekk jitpoggew avvizi Triq San Dimitri fejn hemm il-hadida tal-boroz, il-Fgura fejn telephone box u Triq Virtu' fejn il-hadida.

9.25 Emanuel Muscat staqsa dwar il-knis in generali tar-rahal u ghall-kuntratt tal-knis li kien iffirma l-Kunsill. Is-Sindku spjega li fil-prezent qeghdin nuzaw l-impjegati tal-Kunsill ghal dan ix-xoghol pero' ghand irridu naraw il-finanzi biex ninxu skond il-kaz peress li ma tantx ghandna haddiema. Gie spjegat ukoll li saret applikazzjoni lill-ETC sabiex jibghatu haddiema.

9.26 Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie avvicinat minn Justin Caruana sabiex perijodikament isiru sezzjoni fuq il-fotografija fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.27 Emanuel Muscat qajjem il-punt fejn huwa qal li huwa tal-fehma li fil-kaz tal-marki u tabelli tat-toroq huwa bhala kunsillier responsabbli minn dan is-suggett ghandu jigi infurmat f'dan ir-rigward u irrefera ghal *one ways* ta' zmien il-festa f' Triq il-Knisja kantuniera ma' triq Il-Vizitazzjoni. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li min ghandu responsabilita' minn xi settur ghandu jkun hu attiv u jissuggerixxi materji li jirriflettu r-rwol taghhom.

9.28 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-Internal Call ghall-Assistant Principal gew notifikati l-impjegati ta' l-ufficju u saret applikazzjoni wahda minn Emily Amatulli Depasquale. Il-Kunsill approva din l-applikazzjoni ghall-hatra ta' l-ufficjal fi Skala 11.

9.29 Is-Sindku semma ukoll li ilha ma ssir harga kulturali ghall-anjzani. Il-Kunsill qabel li minhabba li bhalissa t-temp huwa shana din il-harga ghandha tithalla ghal Settembru.

**10.0 Aggornament**

10.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar il-Gimgha 16 ta' Awissu, 2013.

10.2 Il-laqgha spiccat hin 7.25pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv